MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2006

Numru. 975/2006

Il-Pulizija
(Sp Josric Mifsud)
vs
Khaled Ali Alamin, iben Ali,
imwieled Tripoli fit-22 ta'
diċembru, 1970

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-11 ta' settembru, 2006 u ġranet ta' qabel ġewwa Lorraine Flats, Flat 1, Triq il-Mulett, San Pawl il-Baħar, u \jew f'lokalitajiet oħra f'dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin minnu , ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
a. ikkometta attentat vjolent għal pudur fuq Haytem Ragab End Swed minn Marsaskala;
b. talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanża, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li

fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lill-istess Haytem Ragab End Swed kontra l-volonta’ tiegħu, u dan bħala mezz biex jiġi mġiegħel jagħmel xi ħaġa jew joqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tiegħu u b’liema żamm jew sekwestru ta’ Haytem Ragab Ens Swed saret offiża fuq il-persuna tiegħu jew ġie mhedded bil-mewt.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-20 ta’ settembru, 2006 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ settembru, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 86, 87(1)(g) u 207 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma għandhiex isseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------